MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Numru 318/2014

**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**SPETTUR SYLVANA BRIFFA**

**VS**

**RABEH SALEM MAHMED ALADRRISY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Rabeh Salem Mahmed Aladrissy, bin Salem Mohamed u Fozia nee' Alnaser, mwieled Tripoli fl- 1 ta' April 1987, residenti 122, Nadia Flt 1, Triq is- Sidra, Swieqi u detentur tal- passaport Libjan 091607;;

Talli;

1) F' dawn il- Gzejjer nhar it- 30 ta' Marzu 2014, f' xi hin filghodu bl ordni skont il- ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Luisa Fernanda Perez Moreno kontra l-volonta taghha;
2) Aktar talli fl- istess data, lok, u cirkostanzi ikkommetta attenta vjolenti ghall- pudur fuq il- persuna ta' Luia Fernanda Perez Moreno;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat huwa student ighix u jistudja Malta. Fid-data msemmija, huwa kien iltaqa' ma' Luisa Fernanda Perez Moreno, studenta bhalu, hdejn il-Garden View Complex is-Swieqi, ghall-habta tat-8.00am. Dawn bdew jitkellmu bejniethom, u ghamlu hbieb. Hu offrielha li jsajjar kolazzjon ghalihom, u hi accettat u marret fl-appartament tieghu. Wara li kielu, dahlu t-tnejn fil-kamra tas-sodda tieghu u raqdu t-tnejn li huma. Meta Perez Moreno qamet wara xi siegha, hi bdiet tibki, u l-imputat qalilha li jekk trid tista' titlaq. Fil-fatt hi hekk ghamlet. Barra l-appartament sabet lil habiba taghha, u marret taghmel rapport lill-Pulizija. Aktar tard dakinhar, l-imputat gie arrestat u sussegwentement tressaq il-Qorti akkuzat b'dawn ir-reati, dak ta' sekwestru tal-persuna taht l-Artikolu 86, u dak tal-attentat vjolenti ghall-pudur, taht l-Artikolu 207 tal-Kap 9.

Mill-provi prodotti, jirrisulta ampjament ghal din il-Qorti li assolutament ma gara xejn bejn Perez Moreno u l-imputat. Jidher li t-tfajla kienet gejja minn lejl Paceville mal-hbieb taghha, u setghet kienet xi ftit xurbana u bin-nghas. L-imputat offrielha ikla, u hi accettat minn jheddha. Meta dahlu fil-kamra tas-sodda, l-imputat ipprova jghannaqha u jbusha, izda hi ma riedetx. Ma rrisultax li hu pprova jgieghelha taghmel xi haga kontra l-volonta' taghha. Anzi jidher li hu kien kapaci jikkontrolla l-gibdiet tieghu u halliha torqod. Ghal din il-Qorti huwa evidenti li meta' qamet wara li raqdet, Perez Moreno sabet ruhha f'ambjent mhux familjari ghaliha, u aktarx ghal dawk il-ftit sekondi nhasdet u bezghet li seta' gara xi haga hazina minghajr ma taf x'gara. Jirrisulta wkoll li hi telqet liberament mill-appartament tal-imputat minghajr ma kellha tahrab jew tghajjat ghall-ghinuna. Dan hu kkorroborat mix-xiehda tal-habiba taghha li

nzertat kienet barra l-appartament meta Perez Moreno kienet raqdet fil-kamra tas-sodda tal-imputat u kienet qamet biex titlaq minn hemm. Anke fl-istqarrija tal-imputat, hu mhux biss jinnega li kien zammha kontra l-volonta' taghha, izda jaghti l-verzjoni tieghu li, mill-assjem tal-provi prodotti, tidher li hi l-aktar verzjoni verosimili ta' dak li gara bejniethom.

Jidher, ghalhekk, li l-imputat bl-ebda mod ma zamm lil Perez Moreno kontra l-volonta' taghha, jew li ghamel attentat vjolenti ghall-pudur taghha. Bid-dovut rispett lejn l-allegata vittma f'dan il-kaz, ghalkemm huwa minnu li hi ta' eta' zghira, izda l-pudur kellu jigi minnha wkoll li ma tmurx f'appartament ta' guvni li ghadha kemm iltaqghet mieghu ftit minuti biss qabel, u li tidhol fil-kamra tas-sodda tieghu, minghajr ma tistenna li ser jigri xi haga bejniethom. Anzi, l-imputat kien ezemplari fl-imgieba tieghu, u hallieha titlaq wehidha. Ghalhekk, f'dan il-kaz ma hemmx l-estremi ta' dan ir-reat, u l-imputat ghandu jigi liberat minn dawn l-akkuzi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 86 u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------